**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1208/97

Alfred Grixti

vs

Malta Information Technology Training Services Limited

Illum 13 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1993 huwa sofra ingustizzja f'li saret diskriminazzjoni kontrieh fl-ghazla ta' Human Resources Manager mal-kumpanija intimata.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Ir-rikorrent, kien applika ghall-post vakanti ta' Human Resources Manager mal-Kumpanija intimata fil-hmistax (15) ta' Novembru 1993.

Wara li r-rikorrent attenda interview kondott mis-Sur David Spiteri Gingell, allura Manager Human Resources Support Group ta' l-istess Kumpanija intimata, permezz ta' ittra ta' l-istess David Spiteri Gingell datata 12 ta' Jannar 1994 (annessa bhala Dok "A"), ir-rikorrent gie nfurmat illi allavolja l-kumpanija intimata kienet impressjonata bil-kwalifiki u l-esperjenza tar-rikorrent, l-istess Kumpanija intimata kienet ser taghzel applikant iehor li kellu "background" izjed vicin ghall-esigenzi ta' l-istess Kumpanija intimata.

Illi gie rilevat illi minbarra l-fatt illi r-rikorrent kien kandidat tal-Partit Laburista u kien ikkontesta l-Elezzjonijiet Generali tal-1992 fiz-zmien in kwistjoni, ir-rikorrent kien membru ta' l-Ezekuttiv Nazzjonali ta' l-istess Partit.

Minhabba din l-ingustizzja r-rikorrent sofra danni finanzjarji minhabba l-fatt illi giet moghtija preferenza indebita lill-persuna ohra u b' konsegwenza t' hekk ir-rikorrent gie effettivament imcahhad mill-possibilita` illi jikkompeti mal-applikanti l-ohra ghall-post vakanti ta' Human Resources Manager mal-Kumpanija intimata, ghall-liema post ir-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha mehtiega.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li

jithallas kumpens f' ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghgbu jaghti dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Malta Information Technology & Training Services Limited li eccepiet:

1. Illi stante illi s-socjeta` intimata hija socjeta' kummercjali, u mhux korp imwaqqaf b'ligi dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz *ratione materiae*, stante li l-Att VIII tal-1997 ma japplikax ghal socjetajiet kummercjali mhux imwaqqfa b' legislazzjoni *ad hoc*.

2. Illi l-fatti allegati mir-rikorrent huma ribattuti bil-qawwa kollha stante li huma assolutament infundati fil-fatt u fid-dritt, kif jigi ampjament ippruvat fil-kors tas-smiegh tar-rikors.

3. Illi l-"call of applications" li ghaliha qed jaghmel referenza r-rikorrent ma tat l-ebda rizultat, kif allega r-rikorrent. Fil-fatt wara din il-"call for applications" li ghaliha qed jaghmel referenza r-rikorrent ma tat l-ebda rizultat kif allega r-rikorrent. Fil-fatt wara din il-call for applications giet imqabbda ditta t'awdituri privata sabiex taghmel executive search ghall-istess post u dina wkoll ma kellhiex rizultat posittiv.

4. Illi fil-fatt sa Gunju tal-1996 baqa ma nhatarx HR Manager gdid.

5. Illi fl-ebda mument ma ezistiet xi forma ta' diskriminazzjoni politika jew ta' xort' ohra jew saret xi ingustizzja mar-rikorrent Grixti.

6. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent ghandu jaghti spjega b'mod car kif qieghda tintalab ic-cifra ta' Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda tas-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi din id-decizjoni tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni u cioe' li stante li s-socjeta` intimata hija socjeta' kummercjali, u mhux korp imwaqqaf b'ligi dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti li jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz *ratione materiae*, stante li l-Att VIII tal-1997 ma japplikax ghal socjetajiet kummercjali mhux imwaqqfa b' legislazzjoni *ad hoc*.

Is-socjeta' intimata tikkontendi li ai termini tal-artikoli 5 u 6 tal-Kap 394, l-istess Att japplika "ghall-Gvern u ghal kull korp imwaqqaf b'ligi kif imfisser bl-artikolu 2 ta' dan l-Att". Issostni li hi kumpanija privata registrata ai termini tal-artikolu 209 tal-Kap 386; li hemm distinzjoni bejn socjeta', socjeta' kummercjali, u kumpannija, u li l-artikolu 2 tal-

Kap 394 jaghmel referenza biss ghall-socjeta' jew korp iehor u li ghalhekk ma tistax tigi nkluza kumpannija privata. Inghad ukoll li l-imsemmija kumpanija giet registrata f'Novembru, 1990 u li ghalhekk ma jistax validament jinghad li l-Gvern jew xi korp kontrollat mill-Gvern kellu kontroll effettiv bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995.

Ir-rikorrent ghamel referenza ghall-artikolu 4 (1) tal-Kap 386 u li dan l-artikolu ma jaghmilx distinzjoni bejn kumpaniji privati u pubblici.

Gie esibit il-Memorandum tas-socjeta' intimata minn fejn jirrizulta li din kienet registrata fl-1990 taht l-isem ta' Management Systems Unit Limited minn fejn jirrizulta li hija kumpannija privata b'kapital azzjonarju ta' mitejn elf lira diviz f'200000 sehem ta' lira l-wiehed u li l-firmatarji kienu l-Gvern ta' Malta in kwantu ghal 199900 u l-Malta Government Investments Limited ghal mitt sehem. Wara fit-23 ta' Novembru, 2000 l-kapital azzjonarju gie mizjud b'600000 bil-Memorandum u l-Articles sostitwiti, izda baqghet private limited liability company u li l-Gvern ta' Malta ghandu 799600 sehem waqt li l-Malta Government Investments Limited ghandha 400 sehem.

Ikkunsidra li fl-artikolu 2 tal-Kap 394 insibu:

"korp imwaqqaf b'ligi" tfisser kull korporazzjoni jew korp maghqud iehor imwaqqaf b'ligi u tinkludi kull socjetà jew korp iehor li fih il-Gvern jew xi korp wiehed jew iktar minn dawk hawn aktar qabel imsemmija jew kull kombinazzjoni taghhom ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew kellhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995 jew li

fuqhom il-Gvern jew xi korp wiehed jew iktar bhal dawk jew kull kombinazzjoni taghhom ikollhom kontroll effettiv jew kellhom kontroll effettiv bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995;"

Fit-text bl-ingliz il-kliem relevanti jghid hekk:

"'statutory body' means any corporation or other body corporate established by law and includes any partnership or body in which the Government…."

L-artikolu 4 (1) tal-Kap 386 jghid:

Socjeta' kummercjali tista' tkun ta' xorta minn dawn-

(a) socjeta' f'isem kollettiv; jew

(b) socjeta' in akkomandita; jew

(c) kumpannija.

Illi ghalhekk is-socjeta' intimata ma kenitx korretta meta qalet li hemm distinzjoni bejn socjeta', socjeta' kummercjali, u kumpanija ghax l-artikolu 4 tal-Kap 386 jikklassifika b'mod differenti. Fil-Kap 394 saret referenza ghal socjeta' u ma jidhirx li hemm raguni valida ghaliex wiehed ma ghandux lis-socjeta' kummercjali intimata ma jikkunsidrahiex bhala socjeta'. Kumpannija privata hi socjeta' u ghalhekk taqa' fid-definizzjoni tal-artikolu 2 tal-Kap 394. Bl-ingliz fil-Kap 394 insibu "any partnership" u fil-Kap 386 fl-artikolu 4 jinghad "A commercial partnership may be of the following kinds… a company". Ghalhekk hu logiku li kumpannija privata bhal dik intimata hija inkluza fid-definizzjoni tal-artikolu 2 tal-Kap 394.

Fid-definizzjoni bil-Malti jissemma "korp guridiku" u bl-Ingliz jinghad il-kliem "other body corporate" li fl-artikolu 2 tal-Kap 386 hu definit bhala "any entity having a legal personality distinct from that of its members…" Issa s-socjeta' intimata hija kumpanija registrata a tenur tal-artikolu 294 tal-Kap 386 u ghalhekk tezisti distinzjoni bejn il-kumpannija li hija entita' b'personalita' guridika distinta u separata minn dik tal-membri taghha, u ghalhekk tikkwalifika bhala korp guridiku jew body corporate.

Dwar dak li jkompli fuqu l-artikolu 2 u cioe' li "ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew kellhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw" jirrizulta car li tali kontroll kien hemm ghax il-Gvern kellu l-kontroll tal-ishma.

Is-socjeta' intimata sostniet ukoll li l-imsemmija kumpannija giet registrata f'Novembru, 1990 u li ghalhekk ma jistax validament jinghad li l-Gvern jew xi korp kontrollat mill-Gvern kellu kontroll effettiv bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995. Izda tali eccezzjoni hi bla bazi ghax din trid tiftiehem li kull allegata ingustizzja li grat matul xi parti miz-zmien indikat ghandha tigi investigata wara talba. Ma jistax ikun li tinghata restrizzjoni interpretattiva bhal ma hi qedgha tissottometti s-socjeta' intimata ghax kieku l-legislatur ried dan l-effett kien juza lokuzzjoni differenti sabiex jindika li l-Kapitolu 394 japplika biss ghall-entitajiet li kienu kontrollati mill-Gvern matul il-perijodu kollu bejn id-dati msemmija. Dan fil-fehma tat-Tribunal ma jaghmilx sens legali.

Ghal dawn il-motivi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' intimata.

Spejjez ta' din id-decizjoni kontra s-socjeta` intimata.

Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tar-rikorrent ghat-22 ta' Ottubru 2002 fl-9.45 a.m.